II

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

DEĊIŻJONIJIET

IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-25 ta' Frar 2009

dwar l-iskemi ta' għajnuna msemmija mil-linji gwida tal-Komunità għall-għajnuniet mill-Istat marbuta mat-testijiet tal-EST, l-annimali li jinstabu mejta u l-iskart tal-biċċeriji – Ir-rifjut tal-Lussemburgu tal-proposti ta' miżuri siewja (C 13/04)

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1089)

(It-test Franċiż biss huwa awtentiku)

(2009/493/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 88(2) tiegħu,

Wara li talbet lill-partijiet interessati sabiex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont l-Artikoli msemmija hawn fuq [1],

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Fis-27 ta' Novembru 2002 il-Kummissjoni adottat il-linji gwida dwar l-għajnuniet mill-Istat marbuta mat-testijiet tal-EST, l-annimali li jinstabu mejta u l-iskart tal-biċċeriji (minn issa 'l quddiem "il-linji gwida EST").

(2) B'ittra datata t-12 ta' Diċembru 2002 (AGR 29701), il-Kummissjoni stiednet lill-awtoritajiet Lussemburgiżi biex jikkonfermaw bil-miktub, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2003, li aċċettaw il-proposti għal miżuri xierqa, skont il-kapitolu IX tal-linji gwida EST.

(3) Billi l-awtoritajiet Lussemburgiżi baqgħu ma weġbux, il-Kummissjoni bagħtet l-ewwel tfakkira fit-23 ta' April 2003 (ref. AGR 011093). Din it-tfakkira baqgħet bla tweġiba u għaldaqstant intbagħtet it-tieni tfakkira fid-9 ta' Lulju 2003 (ref. VI 017922) b'talba sabiex tiġi kkonfermata din l-aċċettazzjoni bil-miktub sa mhux iktar tard mit-30 ta' Lulju 2003.

(4) B'ittra datata s-26 ta' Settembru 2003, il-Ministru għall-agrikoltura, għall-vitikultura u għall-iżvilupp rurali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu talab għal deroga mill-applikazzjoni tar-regoli tal-linji gwida EST (punti 38 u 39) sabiex il-gvern tiegħu jkun jista' jiffinanzja 50 % mill-ispejjeż marbutin mat-trattament tal-iskart tal-biċċeriji wara l-31 ta' Diċembru 2003.

(5) B'ittra datata l-10 ta' Ottubru 2003 (ref.: VI \ 027340), il-Kummissjoni infurmat lill-awtoritajiet Lussemburgiżi li tali deroga mir-regoli mhix possibbli minħabba li kienet tmur kontra l-għanijiet ta' armonizzazzjoni u ta' eliminazzjoni tat-tagħwiġ tal-kompetizzjoni, imfittxa mil-linji gwida EST infushom.

(6) F'din l-istess ittra, il-Kummissjoni, waqt li enfasizzat li l-gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu naqas mill-obbligu tiegħu li fiż-żmien opportun jgħarraf li jaċċetta l-proposti għal miżuri xierqa skont il-Kapitolu IX tal-linji gwida EST, stidnitu għall-aħħar darba sabiex jikkonferma l-aċċettazzjoni tiegħu bil-miktub fi żmien għaxart ijiem wara l-wasla ta' din l-ittra.

[1] ĠU C 93, 21.4.2006, p. 10.

(7) L-awtoritajiet Lussemburgiżi ġew avżati wkoll li, skont il-punt 53 tal-linji gwida EST, il-Kummissjoni għandha tapplika l-Artikolu 19(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 ([2]), u tibda l-proċedura stipulata fl-istess Artikolu jekk ma jikkonfermawx l-aċċettazzjoni tagħhom bil-miktub fi żmien għaxart ijiem wara l-wasla tal-ittra. Il-Kummissjoni ma kellhiex tweġiba mill-awtoritajiet Lussemburgiżi.

(8) B'ittra datata d-19 ta' Marzu 2004 (SG (2004) D/201077), il-Kummissjoni nnotifikat lill-Lussemburgu bid-deċiżjoni tagħha li tagħti bidu għall-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat talli ma pprovdiet l-ebda informazzjoni fuq l-aċċettazzjoni tal-proposti għal miżuri xierqa skont il-Kapitolu IX tal-linji gwida EST.

(9) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]). Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw il-kummenti tagħhom dwar il-miżura inkwistjoni.

(10) L-awtoritajiet Lussemburgiżi wieġbu b'ittra datata t-30 ta' Marzu 2004. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet interessati oħra.

(11) B'ittra datata l-21 ta' Awwissu 2006, irreġistrata fit-23 ta' Awwissu 2006, l-awtoritajiet Lussemburgiżi kkonfermaw li l-ebda test legali jew regolament fis-seħħ ma kellu bżonn jiġi emendat sabiex jikkonforma mal-linji gwida EST.

(12) Wara l-ittra tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2006, l-awtoritajiet Lussemburgiżi kkonfermaw, b'ittra datata t-23 ta' Novembru 2006, irreġistrata fid-29 ta' Novembru 2006, li mill-1 ta' Jannar 2004 l-iskemi ta' għajnuna kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-linji gwida EST jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

2. DESKRIZZJONI

2.1 Qafas ġuridiku

(13) F'konformità mal-Artikolu 88(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni, f'koperazzjoni mal-Istati Membri, għandha żżomm taħt reviżjoni kostanti s-sistemi kollha tal-għajnuna eżistenti f'dawn l-Istati. Il-Kummissjoni tipproponi lil dawn tal-aħħar il-miżuri xierqa meħtieġa mill-iżvilupp progressiv jew mill-funzjonament tas-suq komuni.

(14) Fis-27 ta' Novembru 2002, il-Kummissjoni adottat il-linji gwida EST. Dawn il-linji gwida emendaw il-politika Komunitarja fir-rigward tal-għajnuniet mill-Istat f'dawn is-setturi u kienu applikabbli għall-għajnuniet ġodda tal-Istat, inklużi għan-notifiki tal-Istati Membri li fihom il-Kummissjoni kienet għadha ma ggvernatx, mill-1 ta' Jannar 2003.

(15) Kif inhu previst fil-punt 194(c) tal-linji gwida tal-Komunità li jirrigwardaw l-għajnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u tal-foresti 2007-2013, il-linji gwida EST ma baqgħux japplikaw mill-1 ta' Jannar 2007, ħlief għall-għajnuniet illegali mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-linji gwida tal-Komunità li jirrigwardaw l-għajnuniet mill-Istat fis-settur agrikolu u tal-foresti 2007-2013.

(16) B'ittra datata t-12 ta' Diċembru 2002 (ref. AGR 29701), il-Kummissjoni għaddiet formalment it-test tal-linji gwida l-ġodda EST lill-Istati Membri. Skont dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni pproponiet lill-Istati Membri biex jemendaw l-iskemi tal-għajnuna eżistenti tagħhom dwar l-għajnuniet mill-Istat koperti minn dawn il-linji gwida, bil-ħsieb li jikkonformaw magħhom sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2003.

(17) L-Istati Membri ġew mistiedna wkoll biex jikkonfermaw bil-miktub, sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2003, li aċċettaw dawn il-proposti għal miżuri xierqa, skont il-Kapitolu IX ta' dawn il-linji gwida.

(18) Skont il-punt 53 tal-linji gwida EST, jekk Stat Membru ma jikkonfermax l-aċċettazzjoni tiegħu bil-miktub qabel din id-data, il-Kummissjoni tapplika l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 u jekk ikun hemm il-ħtieġa, tibda l-proċedura msemmija f'dik id-dispożizzjoni.

2.2 L-argumenti li qajmet il-Kummissjoni fl-ambitu tal-bidu tal-proċedura tal-investigazzjoni

(19) Il-Kummissjoni bdiet il-proċedura prevista fl-Artikolu 88(2) tat-Trattat minħabba li, minkejja li ġew mfakkra bosta drabi, l-awtoritajiet Lussemburgiżi ma kkomunikawx l-aċċettazzjoni tagħhom tal-proposti għall-miżuri xierqa skont il-linji gwida EST.

(20) Barra minn hekk, filwaqt li tiġi kkunsidrata t-talba espliċita għal deroga mir-regoli tal-linji gwida EST imressqa mill-awtoritajiet Lussemburgiżi (ara l-premessa 4), il-Kummissjoni bdiet tiddubita mill-kompatibbiltà ta' kwalunkwe għajnuna li setgħet tiġi applikata fil-Lussemburgu kontra l-linji gwida msemmija.

([2]) ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1.
([3]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 1.

(21) Fid-dawl ta' dan, u sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-kontrolli kollha meħtieġa biex jitneħħa kull dubju, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Lussemburgiżi, fil-bidu tal-proċedura ta' investigazzjoni:

(a) biex tgħaddilha d-dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-għajnuniet kollha li aktarx jingħataw u li kieku jidħlu fl-ambitu tal-applikazzjoni tal-linji gwida EST, u b'mod partikulari it-testi tal-liġijiet kollha u regolamenti oħra fis-seħħ li jirrigwardaw dawn l-għajnuniet;

(b) biex tispeċifika jekk, u meta, kinux emendaw l-iskemi tal-għajnuna eżistenti kollha tagħhom li jirrigwardaw l-għajnuniet mill-Istat koperti mil-linji gwida EST, bil-ħsieb li jġibuhom konformi ma' dawn l-istess linji gwida; u fejn ikun meħtieġ;

(c) biex jipprovdu l-informazzjoni li tirrigwarda l-aġġustamenti skont il-linji gwida EST imwettqa fuq dawn l-iskemi potenzjali jew għajnuniet *ad hoc*.

3. **KUMMENTI TAL-PARTIJIET INTERESSATI**

(22) B'ittra datata t-30 ta' Marzu 2004, l-awtoritajiet Lussemburgiżi għarrfu lill-Kummissjoni li aċċettaw il-linji gwida EST. Huma żiedu wkoll li l-iskemi tal-għajnuna eżistenti kienu jikkonformaw ma' dawn l-istess linji gwida mill-1 ta' Jannar 2004. Il-Kummissjoni ppubblikat din l-aċċettazzjoni fis-26 ta' Ottubru 2004 ([4]) u ħadet nota tad-dikjarazzjoni tal-awtoritajiet Lussemburgiżi dwar l-iskemi ta' għajnuna msemmija.

(23) B'ittra datata l-21 ta' Awwissu 2006, irreġistrata fit-23 ta' Awwissu 2006, l-awtoritajiet Lussemburgiżi kkonfermaw li l-ebda test legali jew regolament fis-seħħ ma kellu jiġi emendat sabiex jikkonforma mal-linji gwida EST.

(24) B'ittra datata t-23 ta' Novembru 2006, irreġistrata fid-29 ta' Novembru 2006, l-awtoritajiet Lussemburgiżi kkonfermaw li mill-1 ta' Jannar 2004 l-iskemi ta' għajnuna kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-linji gwida EST jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

(25) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet terzi interessati.

4. **KONKLUŻJONIJIET**

(26) Il-Kummissjoni ħadet nota tad-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet Lussemburgiżi, datati t-30 ta' Marzu 2004, l-21 ta' Awwissu 2006 u t-23 ta' Novembru 2006, li fihom:

— għarrfu li aċċettaw il-linji gwida EST;

— żguraw li l-ebda test legali jew regolamentari fis-seħħ ma kellu jiġi emendat sabiex jikkonforma mal-linji gwida EST;

— żguraw li mill-1 ta' Jannar 2004 l-iskemi tal-għajnuna kollha li jaqgħu fl-ambitu tal-linji gwida EST jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.

(27) Fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet u l-assigurazzjonijiet mogħtija mill-awtoritajiet Lussemburgiżi, u ladarba l-linji gwida EST ma għadhomx fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, il-Kummissjoni tqis li l-proċedura formali ta' investigazzjoni tista' tingħalaq ladarba ma għadx hemm skop,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-proċedura formali ta' investigazzjoni dwar ir-rifjut min-naħa tal-Lussemburgu li jaċċetta l-proposti għal miżuri xierqa skont il-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuniet mill-Istat marbuta mat-testijiet għall-EST, l-annimali li jinstabu mejta u l-iskart tal-biċċeriji, hija b'dan magħluqa.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

([4]) Aċċettazzjoni tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuniet mill-Istat fil-qasam agrikolu (ĠU C 263, 26.10.2004, p. 8).